MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 43/1997/1

**Joseph Mallia u ghal kull interess li jista’ jkollha martu Mary Mallia.**

**-vs-**

**George Portelli u ghal kull interess li jista’ jkollha martu Anna Rita Portelli.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-9 ta’ Jannar, 1997 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fit-8 ta’ Marzu 1996, fin-12.30 p.m. waqt li l-attur Joseph Mallia kien passiggier fil-vettura, Ford Mini-Bus numru ta’ registrazzjoni Y-2245 l-istess vettura kienet involuta f’incident stradali li gara f’Misrah Ninu Cremona

kantuniera ma' P.P. Saydon Street, Iklin (Ara Dok A – Road Accident Report).

U illi ghall-istess incident stradali u danni konsegwenzjali, kien responsabbli unikament il-konvenut George Portelli, li saq il-vettura tieghu, Isuzu Pickup Van numru ta' registrazzjoni U-7694, bi traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

U illi b'rizultat tal-imsemmi incident stradali tat-8 ta' Marzu 1996, l-attur sofra danna konsistenti f'feriti fuq il-persuna, li jikkostitwixxu dizabilita permanenti (Dokument B) kif ukoll danni ohra u spejjez inkorsi minhabba l-kura li kellu bzonn, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U illi l-konvenut, permezz tal-assikurazzjoni tieghu, accetta r-responsabbilta ghall-incident in kwistjoni, tant hu hekk illi ntbaghtet l-ittra 'Dokument C' lill-propjetarju tal-vettura li fiha kien riekeb l-attur.

U illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur b'rizultat tal-incident stradali tat-8 ta' Marzu 1996, baqa' inadempjenti, anzi cahad ir-responsabbilta (ara 'Dokument D').

Prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident de quo u konsegwentement unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi, jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorobbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi b'rizultat tal-imsemmi incident stradali tat-8 ta' Marzu 1996;

2. Tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat, in linea ta' danni, bl-interess legali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru 1996, kontra l-konvenuti, minn issa ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fis-26 ta' Frar, 1998 li permezz taghha eccepew;

1. Preliminarjament il-konvenuta Anna Rita Portelli ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi bejnha u bejn zewgha hemm separazzjoni tal-beni u ghalhekk, stante ili ma kinitx hi li kienet involuta fil-kollizzjoni in kwistjoni, hija m'ghandha ebda interess fil-kawza.

2. Illi fit-tieni lok l-eccipjent George Portelli jissottometti illi huwa mhuiex unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk it-talbiet tal-attur fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess, id-danni reklamati huma ezagerati.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal premess u in linja sussidjarja, f'kaz li l-Qorti tirritjeni illi r-responsabilita ghandha tigi apporzjonata bejnu u d-driver tal-karozza li habtet mal-karozza tal-eccipjent, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-entita tad-danni sofferti mill-istess eccipjent.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapport ta' l-espert mediku.

Rat il-verbali tas-seduti fil-kawza fl-ismijiet Mario Mallia vs George Portellli (3200/96) li saru quddiem l-Assistenti Gudizzjarji u li permezz ta' digriet tat-12 ta' April, 1999 gie ordnat li jiffurmaw parti minn din il-kawza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar, 2006 u dawk sussegwenti li permezz taghha l-kawza thalliet ghs-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu d-danni in konsegwenza tal-habta li grat fit-8 ta' Marzu, 1996 bejn il-*Mini Bus* misjuqa mill-attur fil-kawza l-ohra msemmija u cioe' Mario Mallia u l-vettura misjuqa mill-konvenut. Dan ta' l-ahhar qed jikkontesta r-responsabilita' u allura li ghandu jhallas dawn id-danni.

**Responsabilita'**

Dwar ir-responsabilita' din il-kawza ftit tippresenta problemi u dan ghaliex il-konvenut injora sinjal biex jieqaf (*Stop Sign*) li kien hemm fit-tarf tat-triq illi minnha kien qed jisporgi. Ghalkemm dan is-sinjal mhux indikat fl-iskizz, jidher car fir-ritratti esebiti mill-attur.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza John Refalo nomine vs Vincent Busuttil (deciza fit-22 ta' Gunju, 1979); "*At a stop sign you must stop. You must not then drive on and enter a major road until you can do so without causing danger*." (mill-manwal 'Driving' pagna 94.) Il-Qorti ccitat ukoll il-manwal 'Law on Collisions' (Isaacs and Laveson) f'pagna 24 li jghid; "*Even though the driver on the thorough road has not got an absolute right of way, yet he is entitled to assume that other drivers will comply with the ordinary rules of the road.*"

Ghalhekk il-konvenut ma jista' b'ebda mod jiskolpa ruhu mill-incident li tieghu huwa unikament responsabbli.

**Danni**

L-attur qed jitlob danni ghall-hsara li garrab f'persuntu billi huwa kien passiggier fil-vettura misjuqa minn Mario Mallia u li kienet ta' l-istess Mario Mallia.

Il-Qorti ghandha quddiemha zewg rapporti kontrastanti dwar id-danni permanenti li qed jghid li garrab l-attur; fil-waqt li Mr. Bernard, nominat mill-Qorti, ikkonkluda li ma kien hemm ebda hsara permanenti, Mr Grixti, *ex parte*, ikkonkuda li kien hemm disabilita' permanenti ta' tnax fil-mija (12%).

Il-Qorti thoss illi kif ghamlet f'kawzi simili, ghandha tistrieh fuq ir-rapport ta' l-espert nominat minnha ghaliex ikun ezercizzju inutli li tinnomina espert hi u mbaghad tistrieh fuq rapport *ex parte*; u dan qed jinghad b'kull rispett lejn iz-zewg kirurgi msemmija illi taghhom il-Qorti ghandha opinjoni tant tajba li gie li nnominathom it-tnejn li huma biex iservu ta' periti medici minnha stess u li ghalihom il-Qorti ghandha naturalment kull stima. Kif irrimarkaw il-konvenuti fin-nota taghhom l-attur lanqas sfida l-konkluzjonijiet ta' l-espert mediku nominat mill-Qorti bl-ebda mod fil-kors tal-kawza hlief billi ppresenta rapport ta' kirurgu iehor. Ghalhekk taqbel mall-konvenuti illi l-attur ma sofra ebda disabilita' fizika minhabba l-incident in kwistjoni – il-konkluzjonijiet ta' l-espert imsemmi huma cari bizzejjed; "*Is-sur Mallia qed ibati minn ugigh f'daharu , jidher li s-sintomi li qed jilmenta bihom huma l-istess li kellu qabel dan l-incident u ghalhekk m'hemmx disabilita' li jirrizulta minn dan l-incident.*"

Dwar l-ispejjez medici, mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm127), ma hemmx kwistjoni u dawn ghandhom jigu akkordati.

Ghandhom ragun il-konvenuti li l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghax ma hemm ebda raguni ghaliex kellha tigi citata.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' biss l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju u tilqa' t-talbiet kollha attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u sebgha ghoxrin Lira Maltin (Lm127). L-ispejjez jithallsu mill-konvenut izda l-attur ghandu jhallas l-ispejjez tal-perizja medika.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------